MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Talba Numru. 1894/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u Din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Spiteri sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Joseph Spiteri**

**Vs**

**Aaron Mifsud.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm127.64) danni kagunati f'incident tat-traffiku li sehh fil-11 ta' Lulju 2000 gewwa Pioneer Road, Bugibba bejn il-vettura numru CAR 224 misjuqa mill-konvenut u l-vettura LAU 498 propjeta tal-

assikurat tas-socjeta attrici, liema vettura kienet parkeggjata u li kienet assikurata taht polza *comprehensive* mas-socjeta attrici li ghamlet tajjeb ghad-danni kawzati fil-vettura tal-assikurat taghha minbarra Lm25 excess imhallsa mill-attur.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Il-fatti rilevanti ghal kaz huma:

(a) Fil-11 ta’ Lulju 2000 il-vettura ta’ l-attur (LAU 498) kienet ipparkjata vicin l-appartament li ghandu l-attur.
(b) Il-konvenut kien qieghed isuq il-vettura CAR 224 u hu u ghaddej minn Pioneer Road waqaf biex jixtri pakkett sigaretti.

(c) Il-vettura ta’ l-attur kellha hsara fuq il-parti ta’ wara n-naha tax-xufier [fol. 19].

(d) L-attur xehed li kien hemm terza persuna li tatu *beer mat* bin-numru tal-vettura misjuqa mill-konvenut (CAR 224). Skond l-attur dan inghatalu minn turista li nzertat kienet fuq il-post u rat l-incident isehh. L-attur xehed li din il-persuna ma tatux id-dettalji taghha.

(e) Il-konvenut dejjem cahad li huwa kkaguna xi hsara fil-vettura ta’ l-attur.

(f) Il-vettura tal-konvenut ma kellha l-ebda hsara. Il-propjetarja tal-vettura hija Margaret Farrugia li xehdet fis-seduta tat-12 ta’ Frar 2003 (fol. 25) u kkonfermat li fuq il-vettura taghha ma kien hemm l-ebda hsara.

2. Huwa fatt maghruf li l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-attur. Il-provi li tressqu mill-kontendenti huma konfliggenti. F'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal ma jistax jasal biex ighid li huwa moralment konvint mill-verzjoni moghtija mill-attur. Ma tressaq l-ebda xhud li ra l-incident isehh. Ghalkemm l-attur xehed li huwa ra l-incident isehh, it-Tribunal m'huwiex konvint minn dan il-fatt. Jirrizulta li l-attur kien jinsab fil-parapett u t-Tribunal ma jemminx li mill-posizzjoni fejn kien seta' ra dan l-allegat incident isehh. Dan apparti l-fatt li t-Tribunal seta' jikkonstata personalment li l-attur ibati sew min vizta qasira. Jinghad ukoll li fil-fehma tat-Tribunal il-*beer mat* bin-numru CAR 224 miktuba fuqha, m'hijiex prova sodisfacenti li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident. Dan apparti l-fatt li l-attur messu minnufih ghamel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija u mhux mar l-ghada ta' l-incident (fol. 16). Inoltre fl-okkorrenza tal-pulizija (fol. 20 sa 22) m'hemm l-ebda riferenza ghal fatt li kien hemm xhud okulari ghall-incident u li l-attur inghata *beer mat* fejn kien hemm miktub in-numru tal-vettura misjuqa mill-konvenut. Jinghad ukoll li meta xehed fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2003, l-attur ta verzjoni totalment differenti minn dik li nsibu fl-okkorrenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz. Filwaqt li l-attur xehed li l-incident sehh hekk kif il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet hierga mill-*parking*, fl-okkorrenza jinghad: *"was parked in Pioneer Rd Bugibba and Car no CAR 224 was passing it dashed on my rear bumper"* [fol. 21].

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jichad it-talba ta' l-atturi.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittjiet legali] huma ghak-karigu tal-atturi.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------